**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Seduta San Ġiljan**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Stefan Axisa, detentur tal-Karta tal-Identita numru 402294M,**

***Każ Nru.: 544/2025***

Illum, 28 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat u ċioè talli:

**Nhar is-27 ta' Ottubru 2024 ghal habta ta' 2324hrs, gewwa 'Stiletto Gentilmens Club' li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan:**

1. Haddimt jew offrejt lill Dejan Vujovic jahdem is-servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment meta ma kellux licenzja skont il-ligi. Art.3 Kap.389

   **U aktar talli nhar is-27 ta' Ottubru 2024 ghal habta ta' 2331hrs, gewwa 'Footloose Club' li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan:**

2. Haddimt jew offrejt lill Aleksandar Kovacic jahdem is-servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment meta ma kellux licenzja skont il-ligi. Art.3 Kap.389
   **U aktar talli nhar is-27 ta' Ottubru 2024 ghal habta ta' 2345hrs, gewwa 'Havana Club' li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan:**

3. Haddimt jew offrejt lill Pavle Savic u Aleksander Bogdanovski jahdem is-servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment meta ma kellux licenzja skont il-ligi. Art.3 Kap.389

   **U aktar talli nhar is-27 ta' Ottubru 2024 ghal habta ta' 2348hrs, gewwa 'Clique Club' li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan:**

4. Haddimt jew offrejt lill Carmel Sghendo jahdem is-servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment meta ma kellux licenzja skont il-ligi. Art.3 Kap.389

   **U aktar talli nhar is-27 ta' Ottubru 2024 ghal habta ta' 2350hrs, gewwa 'Dejavu Gentlemens Club' li jinsab gewwa Tarag ta' Santa Rita, San Giljan:**

5. Haddimt jew offrejt lill Shenol Shukri jahdem is-servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment meta ma kellux licenzja skont il-ligi. Art.3 Kap.389

   **U aktar talli nhar is-27 ta' Ottubru 2024 ghal habta ta' 2359hrs, gewwa 'Shadows Club' li jinsab gewwa Tarag ta' Santa Rita, San Giljan:**

6. Haddimt jew offrejt lill Mauro Jose Hernandez u Lazer Manojlovic jahdem is-servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment meta ma kellux licenzja skont il-ligi. Art.3 Kap.389

   **U aktar talli nhar is-28 ta' Ottubru 2024 ghal habta ta' 0007hrs, gewwa 'Sapphire Club' li jinsab gewwa Tarag ta' Santa Rita, San Giljan:**

7. Haddimt jew offrejt lill Dejan Zdravkovic jahdem is-servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment meta ma kellux licenzja skont il-ligi. Art.3 Kap.389

   **U aktar talli nhar is-28 ta' Ottubru 2024 ghal habta ta' 0009hrs, gewwa 'Flow Club' li jinsab gewwa Tarag ta' Santa Rita, San Giljan:**

8. Haddimt jew offrejt lill Marjan Nikolovski jahdem is-servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment meta ma kellux licenzja skont il-ligi. Art.3 Kap.389

   **U aktar talli nhar is-28 ta' Ottubru 2024 ghal habta ta' 0011hrs, gewwa 'Diamond Dolls' li jinsab gewwa Tarag ta' Santa Rita, San Giljan:**

9. Haddimt jew offrejt lill Milus Jovanovic jahdem is-servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment meta ma kellux licenzja skont il-ligi. Art.3 Kap.389

   **U aktar talli nhar is-28 ta' Ottubru 2024 ghal habta ta' 0012hrs, gewwa 'Tokyo Club' li jinsab gewwa Tarag ta' Santa Rita, San Giljan:**

10. Haddimt jew offrejt lill Sava Zoric jahdem is-servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment meta ma kellux licenzja skont il-ligi. Art.3 Kap.389

**U aktar talli nhar is-28 ta' Ottubru 2024 ghal habta ta' 0015hrs, gewwa 'Bar Native' li jinsab gewwa Tarag ta' Santa Rita, San Giljan:**

11. Haddimt jew offrejt lill Bojan Jovic jahdem is-servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment meta ma kellux licenzja skont il-ligi. Art.3 Kap.389

    Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, licenzja, permess jew awtorita, ghal perjodu ta' zmien illi l-Qorti jidrilha xieraq skont l-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tan-numri ta' persuni li impjega bi vjolazzjoni tal-Liġijiet li jirregolaw is-settur u taċ-ċirkostanzi kolha tal-kaz.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(f) tal-Kodiċi Kriminali w l-artikoli 3 u 25(c) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu w tikkundannah multa ta' **erbat elef u tmien mitt ewro (€4,800).**

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**